

31994D0273

L 117/37

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.5.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-18 t' April 1994****dwar ċertifikazzjoni veterinarja għat-tqegħid fis-suq fir-Renju Unit u fl-Irlanda ta' klieb u qtates li ma joriġinawx f' daww il-pajjiżi**

(94/273/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ovuli u embriji mhux suġġetti għall-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali preskritti f' regoli speċifiċi tal-Komunità li għalihom jirreferi l-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u partikularment l-Artikolu 10(3)(a) (vii) ta' din,

Billi huwa meħtieġ li jkun stabbilit ċertifikat veterinarju għall-klieb u l-qtates li jitqiegħdu fis-suq fir-Renju Unit u fl-Irlanda u li ma joriġinawx f' daww il-pajjiżi;

Billi l-annimali kon'ernati għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet rilevanti meħtieġa dwar is-saħħa, kif murija fiċ-ċertifikat u ertifikati kif jixraq minn veterinarju awtorizzat;

Billi skond l-Artikolu 10(3)(a) (vii) il-klieb u l-qtates għandhom ikunu akkompanjati minn *record* tat-tilqim individwali;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

Artikolu 1

Il-mudell taċ-ċertifikat li jipprovdi għalih l-Artikolu 10(3)(a) (vii) tad-Direttiva 92/65/KEE huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' April 1994.

Għall- Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.

L-ANNESS

MUDELL

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA ⁽¹⁾

għat-tqegħid fis-suq fir-Renju Unit u fl-Irlanda ta' klieb u qtates li ma joriġinawx f' dawk il-pajjiżi

KLIEB/QTATES ⁽²⁾ ⁽³⁾

Stat Membru Kunsinnatur:

I. ta' annimali:

II. Identifikazzjoni ta' l-annimali:

Numru ta' annimali	Speċi/razza	Eta' jew data tat-twelid	Sess	Kulur	Tip u marki tal-pil	Numru kkwodjat fit-transponder impjantat

III. Oriġini ta' l-annimali

L-indirizz ta' l-azjenda rreġistrata:

.....

IV. Destinazzjoni ta' l-annimali:

L-annimali sa jintbagħtu

minn:

(post)

għal:

(post tad-destinazzjoni)

bi ⁽⁴⁾ ferrovija, triq, ajruplan, dgħajsa/vapur ⁽²⁾.

Isem u indirizz tal-kunsinnatur:

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju:

.....

V. Taghrif dwar is-sahha

Jien, hawn taħt iffirmat, ni`ertifika li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- huma ġew eżaminati llum u ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard;
- huma ilhom imlaqma kontra l- idrofobija (rabies) għal mhux inqas minn sitt xhur u, minbarra dan, fil-każ tal-klieb, kontra d-distemper tal-klieb;
- huma għaddew, bejn l-ewwel u t-tielet xahar wara t-tilqima primarja jew it-tilqima mill-ġdid kontra l-idrofobija (rabies), minn test seroloġiku li juri do\|a (titre) ta' anti-korp protettiv ta' mhux inqas minn 0.5 unità internazzjonali. Dan it-test seroloġiku twettaq skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar is-Saħħa;

(1) Iċ-ċertifikati tas-saħħa jistgħu jkunu kkompilati biss għall-annimali deskritti hawn fuq li ser jinġarru bl-istess mezz ta' trasport u li jiġu mill-istess azjenda u li ser jintbagħtu lill-istess destinatarju.

(2) Ħassar fejn ma japplikax.

(3) Iċ-ċertifikat huwa validu għal speċi waħda biss kull darba.


(4) Aġhti n-numru tar-reġistrazzjoni fil-każ ta' lorries, trakkijiet, vannijiet jew karrozzi, in-numru tat-titjira fil-każ ta' ajruplani, l-isem fil-każ ta' dgħajsa/vapur u fil-każ ta' trasport bil-ferrovija, id-data u l-ħin tal-wasla kif stmati.

(d) is-sid jew il-persuna responsabbli għall-azjenda rreġistrata tatni dikjarazzjoni ffirmata li turi li:

'l-annimal/i ⁽¹⁾ twieled/twiieldu ⁽¹⁾ fl-azjenda rreġistrata u baqa'/baqgħu ⁽¹⁾ hemm mit-twelid, mingħajr kuntatt ma' l-ebda annimal salvaġġ suxxettibbli għall-idrofobija ('rabies').

VI. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 tjiem mid-data ta' l-eżami.

Magħmul fi, fi
(Data ta' l-eżami)



.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali jew veterinarju responsabbli
għall-azjenda ta' l-oriġini u awtorizzat għal dan l-iskop
mill-awtorità kompetenti)

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.